Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28 – It-Tnejn, 19 ta' Mejju, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 27, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 26 ta' April – laqgħa ma' Emanuel Saliba, is-Sindku u l-Perit Serri ltaqgħu fuq l-Għajn tal-Ħasselin fejn ġew diskussi kif se jsiru l-ħwat tal-ilma.
   - 26 ta' April – saret l-applikazzjoni mill-ġdid mal-MEPA tal-Għajn tal-Ħasselin biex jitneħħew l-aħħar żewġ filati mill-appromorta. Il-Kunsill irċieva t-*tracking number* ta' din l-applikazzjoni mill-MEPA.
   - 29 ta' April – ġiet irranġata Triq il-Fugass b'10 jardi konkos.
   - 5 ta' Mejju – beda x-xogħol fuq il-belvedere fit-Triq il-Ħamri. Is-Sindku talab lill-kuntrattur biex jinżammu 2 siġar tal-prinjol u 2 siġar tal-oleander u jitħawlu fil-*playingfield* tal-Gudja.

- 7 ta' Mejju – saret *site visit* mill-enġineer Joseph Azzopardi, is-Sindku, is-Sur John Paul Rapa, u s-Sur Emanuel Saliba biex issir klarifika ta' kif se jsir ix-xogħol fl-Għajn għaliex kien hemm xi differenzi fejn il-pjanta tal-perit u l-pjanta li ħarġet fit-tender tad-dawl.
- 7 ta' Mejju – laqgħa mad-Direttur tal-Eko Għawdex, is-Sur Anthony Zammit rigward il-proġett GreenInfranet, fejn għal din il-laqgħa attendiet Krista Farrugia, flimkien mas-Sindku u s-SE.
- 7 ta' Mejju – is-SE attendiet il-qorti rigward il-vandaliżmu li sar fuq il-bin fit-Triq Chambray. Is-SE qalet li is-Sur Kevin Farrugia issa m'ammettiex dan l-att vandalu u għalhekk se tkompli l-kawża l-qorti.
- 8 ta' Mejju – *celebration day* fl-iskola Primarja t'Għajnsielem, fejn attendew is-Sindku u l-kunsillier Stephen Mercieca. Il-madam tal-iskola faħħret lill-Kunsill tal-għajnuna li dejjem ta' lill-iskola.
- 13 ta' Mejju – laqgħa tar-Reġjun Għawdex fejn ġiet diskussa l-problema tal-*warden* f'Għawdex għaliex qed ikun hemm ħafna tgergir mir-residenti. Is-SE tar-Reġjun se jieħu ħsieb jara x'inhi l-problema eżatt. Tul il-laqgħa, is-Sindku semma li-Engineer Bajada mill-Ministeru għal-Għawdex qed jitlob lill-Kunsill biex iħallas il-kont pendenti li hemm tad-dawl tal-latrina tal-Pjazza Madonna ta' Loreto. Is-Sindku qal li s-SE tar-Reġjun għandu jinforma lil Enġineer Bajada li dawn il-kontijiet m'humiex ser jitħalsu mill-Kunsilli peress li qatt ma kien hemm ftehim fuq dan u l-*meter* tal-Enemalta qiegħed fuq l-isem tal-Ministeru għal-Għawdex.
- 14 ta' Mejju - il-ħaddiema kollha tal-Kunsill li qegħdin fuq l-iskemi talbu laqgħa mas-Sindku. Is-Sindku ta rendikont tal-problemi li qed jiltaqgħu magħhom preżentament, fejn qalu wkoll li s-SE mhux qed timxi ġust magħhom peress li qed jiffirmaw x'ħin jidħlu xogħol u x'ħin joħorġu. Huma qalulu wkoll li ma kienux kuntenti li qed tinqala qlajja fuqhom li dawn ma kienu qed jagħmlu xejn meta kull tip ta' xogħol li l-Kunsill qabbadhom jagħmlu dejjem għamluħ. Is-Sindku qalilhom li kienet ħarġet Memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn din kienet tgħid li s-Segretarji Eżekuttivi huma direttament responsabbli mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u jridu jibgħatu rapport tax-xogħol li jkunu wettqu. Is-Sindku qalilhom ukoll li l-ANSEK talbet għal laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali biex tiġi diskussa din l-MEMO, peress li s-Segretarji Eżekuttivi ma jixtiqux jobdu din id-direttiva peress li s-SE ma jistgħux iżommu kontroll fuq dawn il-ħaddiema. Hawn is-Sindku staqsa lis-SE jekk ir-rapport tax-xogħol fuq dawn il-ħaddiema hux jintbagħat lid-Dipartiment kif xtaqu l-ħaddiema. Is-SE stqarret illi għaddejjin taħdidiet mad-Dipartiment fuq din is-sitwazzjoni u għalhekk ir-rapport m'hux se jintbagħat għalissa. Il-ħaddiema talbu wkoll biex ikollhom safety shoes u safety gear. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw.

- Saret talba biex isiru laqgħat mal-Kunsill mill-għaqda tan-nar u mill-għaqda żgħażagħ tal-banda. Il-Kunsill qabel li din issir nhar id-29 ta' Mejju fis 7pm. Il-Kunsill talab lis-SE biex titlob għal-aġenda tal-laqgħa.
- Is-SE wriet l-istampa tal-fanali moderni li jistgħu jiġu nstallati fil-Belvedere - il-Kunsill approva dawn il-fanali u qabbad lis-SE biex tipprepara l-kuntratt tax-xogħolijiet.
- Is-SE qalet illi ġiet avviċinata min Fra Lorry Zerafa fejn staqsa jekk il-Kunsill jistax jirranġa l-bozoz li hemm maħruqa fuq il-koppla u ż-żuntier tal-Knisja tal-Patrijiet. Il-Kunsill qabel li jixtri l-bozoz maħruqa li hemm bżonn.
- Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex fejn hemm sejħa mill-GAGF biex isiru tabelli t'informazzjoni f'Għawdex. Il-Kunsill approva li jidħol f'dan il-programm, u jiġi analizzat fejn jistgħu jiġu nstallati t-tabelli.
- Korrispondenza b'*e-mail* mingħand Angela Ceccarelli f'isem il-Kunsill ta' Tolfa fejn staqsiet jekk il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem jixtieqx ikun *partner* f'proġett li ser japplikaw għalih tul Diċembru. Il-Kunsill qabel li f'dak iż-żmenijiet il-Kunsill ikun wisq impenjat b'Bethlehem f'Għajnsielem u għalhekk ma napplikawx.
- Email mingħand is-Sur Anthony Saliba mill-MGOZ fejn indirizza lis-Sindku rigward it-trinka ta' dranaġġ li saret mingħajr permess fit-Triq Ħamri. Is-Sur Saliba qed jżomm lil Kunsill responsabbli biex it-trinka terġa issir kif suppost u bil-*hot asphalt.* Il-Kunsill qabel li s-Sindku jerġa jkellem lill-kuntrattur, wara li diġà kien kelmu ġimgħat ilu. Il-Kunsill qabel li jekk din ma ssirx sa din il-ġimgħa, tintbagħat ittra bil-miktub lill-kuntrattur u kopja lis-Sur Anthony Saliba.
- Laqgħa għal-kunsilliera, li m'humiex Sindki fil-21 ta' Gunju fil-Lukanda Dolmen organizzata mill- AKL – min hu interessat biex jattendi għandu jikkuntatja lil-SE.
- Is-SE saqsiet lill-Kunsill kif se jsiru bil-fjuri iċ-*central strip* tat-Triq JF De Chambray, skont kif kif issuġerixxa l-kunsillier Peter Caruana fil-laqgħat preċidenti. Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ kwotazzjoni għal-provista u tħawwil tal-fjuri f'din iż-żona.
- Saret talba biex issir attività ta' mużika fiż-Żewwieqa nhar l-14 ta' Ġunju mid 9pm sa' 12am. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jinħareġ dan il-permess bil-patt li jkun hemm l-permessi neċessarji oħra għal dan it-tip ta' attività.
- Is-SE infurmat lill-preżenti li wara laqgħa li saret bejn is-SE, l-Enġinier Curmi, l-kuntrattur Joseph Attard u l-Enġinier Silvio Saliba, ġie deċiż illi l-camera li ġew installati fiċ-ċentru ċiviku m'humiex skont kif ħarġet it-tender, u għalhekk iridu jinbidlu mill-kuntrattur.

- Is-SE infurmat lill-preżenti li qed ikollha problema bl-għalf tal-annimali li hemm f'Ta' Passi. Dan għaliex qed jintalab li jinxtara ħafna għalf. Il-Kunsill qabel li jixtri 5 xkejjer għalf fix-xahar.

## 4. Green InfraNet

Saret il-laqgħa mad-Direttur tal-Eko Għawdex fejn attendew is-Sindku, SE u Krista. Id-dipartiment tal-Eko Għawdex għadu kemm ħareġ *leaflet* bil-*coastal walks* f'Għawdex u għalhekk ma weriex ħafna xewqa li jattendi *site visit* f'Rimini. Is-SE spjegat li jista jkun li ħabba f'hekk titħassar iż-żjara f'Rimini, l-Italja. Il-Kunsill qabel li jekk jibqa *budget* jiżdied l-istudju tal-Wied mill-Pjazza tad-Dehra sal-Għajn il-Libru.

## 5. Monument tal-football

Paul Stellini, li huwa l-artist li għamel id-disinn ta' dan il-monument, attenda l-laqgħa tal-Kunsill biex jiġu klarifikati xi punti. Huwa qal li ltaqa mal-Perit Bigeni fejn spjegalu kif trid toħroġ it-*tender*.

Wara diskussjoni bejn il-preżenti, il-Kunsill qabel li ma jsirx arblu ħdejn il-monument. Paul Stellini spjega wkoll illi fid-desinn tal-istatwa, hemm il-ballun inkorporat, u għalhekk mhuwiex tal-idea li jiżdied ballun ieħor. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 6. Kwotazzjonijiet

Is-SE qalet li wasal iż-żmien li jinħarġu sejħiet għal-kwotazzjoni fuq:

- *Contract maintance of lift*
- *Online streaming*
- *Watering of soft areas*

Il-Kunsill qabel li joħorġ l-avviżi.

## 7. Risposta tal-*Management Letter*

L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sja Pauliana Said spjegat ir-risposta li preparat hija flimkien mas-SE. Il-Kunsill qabel ma din ir-risposta.

Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra bl-avukata tal-Kunsill lill-PKF Ltd fejn jitlob għal-*backups* tas-sage. Il-Kunsill qabel li jsir *coding* tal-inventarju tal-Kunsill tal-assi li hawn fiċ-Ċentru Ċiviku.

8. **Kunratt mal-Kumitat tal-Football tigward il-proġett tal-*floodlights***

Is-SE għaddiet kopja *draft* li ppreparat l-avukata tal-Kunsill fuq dan il-proġett. Għalhekk, id-dokument ittieħed bħala moqri.

Tul id-diskussjoni, is-Sindku staqsa x'jiġri jekk il-Kumitat tal-Football jispiċċa? Min se jonora dan il-kuntratt ta' bejn il-Kunsill u l-Kumitat? Il-Kunsill qabel li għandu jsir ftehim apparti bejn il-Kumitat u l-Knisja, fejn il-Knisja tibqa obligata li tonora dan il-Kuntratt kemm-il darba jxolji l-Kumitat tal-Football.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-100 siegħa fis-sena għal użu tal-Kunsill għandha tiġi 300 siegħa. Dan il-kuntratt għandu jsir għal-30 sena.

9. **Sejħa għall-applikazzjoni taħt Measure 413.3 – Landscaping**

Il-Kunsill qabel li terġa ssir l-applikazzjoni ta' DNO mal-MEPA taħt din il-miżura għal-*refurbishment* tal-Pjazza tad-Dehra bħalma kienet saret fl-2012.

10. **Offerta tal-ħwat bil-ġebel tal-qawwi**

Il-Kunsill qabel li tingħata l-offerta lil Emanuel Saliba u jsir il-kuntratt tax-xogħol minnfih.

11. **Talbiet mir-residenti**

- Talba biex jiġi provdut *mobile toilet* qrib id-disco li jsir fil-festa jew isir kontroll aktar mill-pulizija biex ma jkunx hemm abbużi ta' liberta fil-passaġġ li hemm qrib – wara diskussjoni bejn il-Kunsill, ġie deċiż illi din l-attività tiġi organizzata mis-settur privat u mhux mill-Kunsill. Hemm il-latrini pubbliċi fil-qrib, u għalhekk il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu biżżejjed biex il-pubbliku jinqeda. Barra minn hekk, il-Kunsill ma jistax jibda joffri servizz ta' mobile toilet għal attività privata, għaliex ikun preċident. Il-Passaġġ imsemmi huwa tal-privat ukoll.
- Talba biex issir *road hump* fit-Triq Malta – Il-Kunsill qabel li nstallazzjoni ta' *road hump* f'din it-triq m'hix prattika peress li din it-triq hi *one way*, titla' biss u għalhekk hemm limitu ta' veloċità li tista' tkun għaddejja vettura.
- Talba biex issir rampa quddiem l-għalqa tal-baruni fit-Triq Chambray – Il-Kunsill qabel li ma tistax issir rampa peress li hemm il-*culvert* taħt il-bankina. Il-Kunsill qabel li l-applikant jieħu ħsieb li jsiru rampi temporanji tal-injam u jintużaw mil-applikant meta ikun bżonn.
- Talba għal-bozza ġdida mal-ħajt fit-Triq il-Provigarju – il-Kunsill approva li din il-bozza issir u s-Sindku se jieħu ħsieb biex jġib l-approvazzjoni mingħand is-sid tal-post.

## 12. Materji oħra

Francis Cauchi

- Rapport mingħand is-Sur Brian Pace fejn irrapporta li resident qed ipoġġi barmil fit-triq biex ma jipparkjawx karozzi quddiem ir-residenza tiegħu fil-bidu tat-Triq Ħamri – is-Sindku ssuġerixxa li niktbu ittra lil Frans Vella. biex ineħħi l-barmil, jew jista jitneħħa mil-kuntrattur tal-knis. Il-Kunsill qabel li dan jitneħħa mill-kuntrattur tal-knis tal-Kunsill.
- Bozza ġdida fit-Triq tal-Misraħ – il-Kunsill approva biex issir applikazzjoni għal-bozza jekk dejjem hemm arblu bil-linja tad-dawl, mingħajr ma jinvolvi f'aktar spejjez tal-Enemalta.
- Laqgħa mal-Ministru  nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju rigward il-kontijiet ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Kienu preżenti s-Sindku, il-Viċi Sindku, Joe Mifsud, il-Ministru, Antony Debono u l-*permanent secretary* tal-MGOZ. Tul il-laqgħa ġew diskussi Bethlehem f'Għajnsielem 2014, fejn il-Ministru wera x-xewqa li jerġa jsir. Is-Sindku semma li l-kmamar se ssirilhom ħafna ħsara peress li baqgħu hemm. L-idea tal-proġett għas-sena d-dieħla jista' jkun hemm dgħajsa u żona għas-sajjieda u jiġi wżat Forti Chambray. Ġie deċiż li għandu jiġi ffurmat il-kumitat il-ġdid, fejn il-Kunsill kollu jkun parti fih, u rappresentant wiehed mill-għaqdiet, u rapprezentant tal-Knisja. Saret diskussjoni fuq il-kontijiet tal-bennejja u tal-iskavar. Tul il-laqgħa ingħata rendikont tal-ispejjeż li saru mill-partijiet involuti. Is-Sur Anthony Debono ssuġġerixxa li l-flus li għad fadal mill-kumitat organizzattiv jitqasmu biex jitħallsu il-kontijiet pendenti li fadal tal-kuntratturi. Is-Sindku qal li din deċiżjoni trid tittieħed bejn il-kumitat organizzattiv. Hawnhekk, Franco Ciangura semma li għad fadal xi kontijiet oħra apparti tal-kuntratturi li għadhom iridu jitħallsu.
- Is-Sindku qal li saret talba mis-Sur Anthony Debono biex il-ħaddiem fuq l-iskema tal-*community work* Darren Azzopardi jkun assenjat biex jgħin lill-ħaddiema tal-bankini f'Għajnsielem. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.
- Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill ta' Kerċem peress li sellef lill-ħaddiema tiegħu biex jibnu l-ħitan tas-sejjieħ f'Bethlehem f'Għajnsielem 2013-2014. Hu kompla jgħid li sar jaf biss b'dan ftit tal-ġranet ilu mis-Sindku ta' Kerċem. Dan qallu li kien ftihem ma' Franco Ciangura sabiex meta t-tfal tal-iskola ta' Kerċem kienu ser iżuru Bethlehem f' Għajnsielem bit-*train*, Franco kellu jagħti qagħqa tal-għasel lil kull tifel u tifla bħala rikonoxximent taż-żewġ ħaddiema li l-Kunsill ta' Kerċem kien bagħat. Franco Ciangura qal li hu qatt ma għamel dan it-tip ta' ftehim mas-Sindku ta' Kerċem.

Franco Ciangura

- Xogħol fil-Belvedere – suġġeriment biex issir katusa fit-triq biex jgħaddi l-ilma tax-xita tat-triq għal-għelieqi u issir rampa fit-taraġ biex ikun hemm aċċess għal-moħriet. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Issuġerixxa li jkun hemm *supply* ta' dawl fil-*pump room* biex ikun jista jintuża 'l quddiem. Il-Kunsill qabel.
- Staqsa jekk għadux il-pjan li jkun hemm servizz ta' *wifi* u *camera live streaming* – is-SE qalet li dawn se jsiru.
- Proposta biex issir attività u jsir kollegament bejn l-emigranti u xi residenti mir-raħal fuq il-Belvedere. Il-Kunsill qabel li jingħaddew xi pipijiet vojta taħt l-art biex jekk xi darba jsir xi tip ta' attività ikunu jistgħu jgħaddu l-wires mingħajr ħsara.
- Suġġeriment biex issir ħarġa kulturali għal-anzjani. Huwa jista' jieħu ħsieb li tkun ħarġa bla spejjeż għar-residenti. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u qabel li għandha issir nhar is-6 ta' Ġunju, 2014. Franco Ciangura għandu jipprepara l-programm biex wara jitqassam lir-residenti fejn ikunu jistgħu jattendu l-ewwel 50 li japplikaw.

Larry Buttigieg

- Problema tal-alka fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar – il-Kunsill iddeċieda li tintbgħat e-mail lil Engineer Bajada fil-MGOZ għal-soluzzjoni.
- Hemm sellum perikoluż fix-Xatt l-Aħmar – is-SE qalet li ġa għamlet rapport mal-*beach cleaner* taż-żona.

Peter Caruana

- Għamlulu suġġeriment biex issir CCTV quddiem il-latrini tax-xatt – Il-Kunsill qabel li dan mhux viabbli.
- Titranġa bil-konkos l-koxxa tat-tarag li hemm ftit 'l fuq mil-Grand Hotel – Il-Kunsill qabel li din titranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Titranġa l-konka tal-konkos tas-siġra li hemm fit-Triq iż-Żewwiqa u titnaddaf mill-ħaxix.
- Xiri tal-bankijiet fit-Triq iż-Żewwieqa – il-Kunsill qabel li dawn iż-żewġ bankijiet jiġu ordnati mingħand Tony Vella.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Ġunju 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.30pm

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv